**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 2 ta' Gunju 2022**

**Rikors kongunt nru : 262/ 2022 AGV**

**VG**

**U**

**SG**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors tal-partijiet datat 13 ta' Mejju 2022;**

1. Illi l-partijiet zzewwgu fit- 23 ta' Awwissu 2012 skont l-anness certifikat taz-zwieg immarkat bhala dok A. u minn daz-zwieg twieldet tifla bl-isem ta' SG fis- 29 ta' Lulju 2013;

2. Illi l-partijiet huma legalment separati b' kuntratt redatt min- Nutar Dr. Sharon Faith Farrugia, datata 28 ta' Marzu 2019, kopja ta' dal-kuntratt qed tigi hawn annessa, u mmarkat Dok B ;
3. Illi ma jezisti ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra trapass ta' zmien minn meta l-partijiet ilhom separati illum il-gurnata, huma ghandhom hajja totalment separata u distinta minn xulxin ;
4. Illi rigward manteniment il-partijiet jiddikjara li ma tezisti ebda pretensjoni u pendenza dwar dan ;
5. Illi dal-fatti hawn fuq citata jissodisfaw il-kundizzjonijiet mehtiega ghall-ottjeniment tad-divorzju ai termini tal-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, il-partijiet jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili sabiex, fiz-zmien imħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

**DECIDE :**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**